- Revoka ta' Mandat Kawtelatorju - Art. 836 (1)-
- Azzjoni ta' danni u penali skond l-Art. 836 (8) u (9) -
- Kontro-Talba - Art. 396 ; Art. 398 - Kap 12. -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 7 ta' Frar 2001**

**Kawza Numru: 35**
**Citazzjoni Numru: 2520/2000/RCP**

**Visa Investments Ltd**

**vs**

**Blye Engineering Co Ltd**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors a fol 1 tal-process fejn is-socjeta' rikorrenti a bazi tal-**artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12** talbet li l-Mandat ta' Sekwestru Numru 3927/2000 fl-ismijiet "Blye Engineering Co. Ltd *vs* Visa Investments Limited" jigi revokat u li s-

socjeta’ intimata tigi kkundannata thallas penali stante li l-ammont mitlub ma huwiex *prima facie* gustifikat jew ikun eccessiv u dan peress li:-

(a) l-ammonti indikati fl-*invioces* indikati fl-istess rikors ghall-total ta’ Lm1,334 ma humiex dovuti stante li l-parti kbira tal-istess prezz tal-istess ma humiex dovuti mill-esponenti u fi kwalunkwe kaz jinsabu preskritti, u l-*invioces* l-ohra ma humiex relattati max-xoghol ordnat mis-socjeta’ rikorrenti u li s-socjeta’ intimata naqset li taddempjixxi, u fl-ahharnett peress li l-ahhar *invoice* imsemmi Numru 2273/99 tirrigwarda muturi li kellhom jirrimpjazzaw ohrajn suppliti li kienu difettuzi;

(b) Illi rigward l-ammont ta’ Lm13,665, dan jirraprezenta allegatament danni u penali sofferti mis-socjeta’ intimata konsegwenti ghall-hrug tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 3242/2000 u Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 3243/2000 fl-ammont ta’ Lm40,000 mis-socjeta’ rikorrenti kontra s-socjeta’ intimata, fejn qed jinghad li dawn il-Mandati hargu *in mala fede* w abbusivi. Illi dwar din il-kawzali s-socjeta’ rikorrenti qed issostni li dan l-ammont ma huwiex *prima facie* gustifikat stante li :-

(i) La darba dawn il-pretensjonijiet gew imressqa b’kontro-talba, dan ma setghax issir stante li ma hemm ebda konnessjoni bejn c-citazzjoni attrici u l-kontro-talba ghad-danni u penali naxxenti minn hrug ta’ Mandat.

(ii) Illi skond l-**artikolu 836 (8) u (9) tal-Kap 12** tali talba kellha ssir permezz ta' citazzjoni *ad hoc.*

(iii) Illi din ma saritx *ai termini* tar-ragunijiet indikati fl-**artikolu 836 (8) tal-Kap 12.**

(iv) Illi r-rikorrenti qatt ma gew interpellati *ai termini* tal-**artikolu 836 (8) (b).**

Rat id-digriet tal-Qorti fejn il-kawza giet appuntata ghat-12 ta' Dicembru 2000 fl-10.00 a.m.

Rat il-verbal tat-12 ta' Dicembru 2000 fejn Dr Vella indika li d-digriet tat-30 ta' Novembru 2000 ma giex notifikat lilu u ghalhekk ma pprezentax risposta. Il-Qorti akkordat erbat' ijiem zmien lis-socjeta` intimata ghar-risposta. L-kawza giet differita ghall-provi u trattazzjoni ghas-17 ta' Jannar 2001.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata` a fol 8 sa 10 tal-process u d-dokumenti esebiti fejn sostniet illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante :-

(a) Illi dwar l-*invoices* indikati dawn jidher li *prima facie* hargu in konnessjoni mal-appalt in kwistjoni, l-preskrizzjoni applikabbli hija ta' sentejn skond l-**artikolu 2149 (a) tal-Kap 16,** u dwar l-ilmenti l-ohra dawn huma verifikabbli biss wara perizja teknika u mhux fuq bazi ta' *prima facie.*

(b) Illi dwar l-ammont ta' Lm13,665.66 reklamat bhala penali u danni, l-istess socjeta' intimata ssottomettiet illi l-argumenti tas-socjeta' rikorrenti huma bla bazi stante li :-

(i) Illi l-kontro-talba dwar l-istess kawzali saret korrettament a bazi tal-**artikolu 396 tal-Kap 12,** stante li hija naxxenti mill-istess fatt, u tali azzjoni hija proponibbli permezz ta' kontro-talba skond is-sentenza **"Joyce Farrugia vs Sadek Gucluol et"** (P.A. G.C.D. 28 ta' April 2000).

(ii) Illi l-azzjoni *ai termini* tal-**artikolu 836(9)** ghad-danni u penali tista' issir b'citazzjoni, u la darba l-**artikolu 398 (3) tal-Kap 12** jekwipara kontro-talba ghall-citazzjoni.

(iii) Illi l-argument li l-proceduri fil-mertu jistabilxxu jekk kienx hemm raguni ghall-hrug ta' Mandat kawtelatorju tapplika ghal kull mandat.

(iv) Illi l-azzjoni tal-intimat ghad-danni hija ibbazata fuq l-**artikolu 1047 tal-Kap 16,** u l-ammont huwa ghalhekk mahdum fuq perjodu ta' erba' snin, kemm skond l-intimat iddum l-kawza, bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-somma ta' Lm40,000.

(v) Illi l-**artikolu 836 (8) (b)** mhux applikabbli ghall-kaz odjern taht l-**artikolu 836 (1),** izda biss meta issir citazzjoni ghad-danni jew penali *ai termini* tal-**artikolu 836 (8) u (9) tal-Kap 12,** ghalkemm in vista tal-fatt li l-kontro-talba kellha tigi presentata *entro* terminu prefiss, xorta wahda l-**artikolu 836 (8) (b)** ma huwiex applikabbli ghall-kaz.

Rat in-Nota tas-socjeta` rikorrenti a fol 29 tal-process u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbal tas-17 ta' Jannar 2001 fejn xehdu John Sammut u Ray Mallia. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi u trattaw il-kaz u qablu li r-rikors jista' jibqa' ghall-provvediment finali. Ir-rikors gie differit ghall-provvediment finali ghas-7 ta' Frar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi ma hemm l-ebda dubju li dik istitwita mis-socjeta' rikorrenti hija procedura a bazi tal-**artikolu 836 (1) tal-Kap 12,** li taghti l-fakolta' li b'semplici rikors, jitlob li jigi revokat *in toto* jew *in parte* l-att kawtelatorju, u dan biss a bazi tar-

ragunijiet indikati fl-istess artikolu ennumerati minn (a) sa (f).

Illi il-bazi ghaliex sar dan ir-rikors ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 3927, hija dik elenkata mill-istess rikorrenti taht **l-artikolu 836 (1) (d)** u cioe`:-

*"Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv".*

Illi mela allura l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie,* u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza propja.

Illi tenut kont tal-premess jirrizulta lil din il-Qorti li in konnessjoni mal-ammont ta' Lm1,334.34 rikjamat mis-socjeta' intimata bhala prezz ta' oggetti mahduma, mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' rikorrenti u xogholijiet ta' tiswija, dan l-istess ammont huwa sopportat b'*invoices* li jinsabu esebiti fil-kawza premessa u ghalhekk il-pretensjoni attrici tidher li *prima facie* tezisti.

Illi l-punti jekk hijiex is-socjeta' rikorrenti li ghandha thallas tal-istess, jekk tapplikax il-preskrizzjoni, u jekk tali materjal u/jew xoghol humiex tal-kwalita' pattwita jew sarux skond l-

arti u s-sengha, jolqtu il-mertu tad-difiza tas-socjeta' rikorrenti fil-kawza propja, u ghalhekk ghandhom jigu trattati u deciza propju fil-kawza nnifisha, u mhux f'dan l-istadju tal-proceduri, ghaliex altrimenti wiehed necessarjament ikun irid jidhol fil-mertu tal-kawza stess, u dan immur oltre l-gudizzju *prima facie* li din il-Qorti, f'dan l-istadju hija tenuta li taddotta skond l-istess citat artikolu li a bazi tieghu s-socjeta' rikorrenti ppresentat ir-rikors odjern.

Illi fil-fatt dawn ir-ragunijiet kollha imsemmija mill-istess socjeta' rikorrenti, jifformaw l-eccezzjonijiet taghha fil-kawza propja ghall-kontro-talba tas-socjeta' intimta, b'dan li anke jekk fl-istess kawza tali eccezzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti jigu milqugha kollha jew in parte, xorta ma jwaslux ghall-konkluzjoni li l-pretensjoni tas-socjeta' intimata vantata minnhom fil-mandat premess ma tezistix *prima facie* f'dan l-istadju. Kieku kien mod iehor qatt ma jista' jinhareg mandat kawtelatorju, ghaliex l-ezistenza jew il-konsistenza ta' kull pretensjoni tigi biss finalment determinata bis-sentenza li tghaddi in gudikat, u certament li dan immur kontra r-*raison d'etre* tal-Mandat Kawtelatorju, bbazata fuq il-principju tal-ezistenza *prima facie* ta' dritt li ghandu jigi kawtelat.

Illi ovvjament l-istess argument japplika wkoll ghal dik il-parti tal-mandat ta' sekwestru ibbazata fuq il-kawzali li l-mandati tas-socjeta' rikorrenti gew mahruga kontra s-socjeta' intimata b'mod abbusiv u *in mala fede* u ghalhekk

huma soggetti ghall-penali kontemplata taht l-**artikolu 836 (9)** u d-danni skond l-**artikolu 836 (8) tal-Kap 12.**

Illi in konnessjoni mal-istess tieni kawzali jinghad ukoll li tali pretensjoni hija *prima facie* sostenibbli, ghalkemm is-success taghha jista' biss jigi determinat wara ezami fil-mertu tal-istess pretensjonijiet tas-socjeta' intimata fil-kawza propja, u precisament fit-trattazzjoni tal-kontra-talba fil-kawza citata.

Illi l-argumenti kollha l-ohra migjuba mir-rikorrenti sabiex isostnu t-tezi taghhom f'dawn il-proceduri huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante:-

(i) Illi l-punt li l-kontro-talba ma setghatx issir fil-kawza proprja fuq il-hrug abbusiv tal-mandati kawtelatorji mis-socjeta' rikorrenti ghaliex ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-**artikolu 396** huwa punt li ghandu jigi deciz fil-kawza propja, ghalkemm jinghad ukoll li jidher li l-**artikolu 396** ma huwiex limitat kif qed tallega s-socjeta' rikorrenti kif jidher mid-disposizzjonijiet tal-**subartikoli (a) u (b)** tal-istess.

(ii) Illi l-**artikolu 836 (8) u (9)** jindikaw li t-talba ghad-danni u ghall-penali trid issir b'azzjoni, u certament li mkien ma hemm indikat li tali talba ma tistax issir permezz ta' rikonvenzjoni *ai termini* tal-**artikolu 396,** iktar u iktar meta l-**artikolu 398(3)** jekwipara l-istess procedura

ghall-prezentata ta' citazzjoni. **("Joyce Farrugia vs Sadek Gucluol et"-** P.A. G.C.D. 28 ta' April 2000).

(iii) Illi l-argument imressaq mis-socjeta' attrici li l-mandat ma sarx ghar-ragunijiet indikati fl-**artikolu 836 (8),** jigi relevat li l-procedura tas-socjeta' rikorrententi saret a bazi tal-**artikolu 836 (1)** u mhux tas-subartikolu appena indikat. Illi pero' ghall-grazzja tal-argument jinghad li l-azzjoni ghad-danni kontempleta taht is-**subartikolu** tejoretikament ma teliminax l-azzjoni taht il-principji generali tad-dritt li kienet tezisti qabel l-emendi li saru bl-**Att XXIV tal-1995.** Illi apparti dan jidher ukoll li l-kawzali tas-socjeta' intimata taqa' wkoll taht id-dispositiv tal-**artikolu 836 (8) (d).**

Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza propja dwar il-mertu, ghalkemm wiehed ma jistax ma jinnotax il-pika li tezisti bejn il-partijiet, xi drabi b'mod estrem, li certament mhux qed jiffacilitaw il-konkluzzjoni spedjanti tal-istess pendenza.

Illi dwar l-ammont ta' danni reklamati mis-socjeta' intimata u il-*quantum* taghhom, dawn ovvjament iridu jigu stabbiliti jekk u wara l-kawzali tal-istess socjeta' intimata tigi milqugha, u fil-kalkolazzjoni tal-istess wiehed necessarjament irid jorbot l-istess mal-punt

tar-responsabilita' u l-kawza prossima bejn l-att lamentat u d-danni realment sofferti li jigu eventwalment likwidati, ghalkemm b'daqshekk lanqas qed jinghad li l-komputazzjoni tad-danni kif proposta mill-istess ibbazzata fuq l-**artikolu 1047 tal-Kap 16** hija necessarjament korretta tenut kont ukoll ghall-perjodu mehud wara l-presentata tal-kontro-talba.

Illi dawn pero' huma kollha konsiderazzjonijiet li ghandhom jittiehdu waqt is-smiegh tal-kawza u certament mhux f'dan l-istadju b'dan ghalhekk li anke hawn il-procedura tas-socjeta' rikorrenti ma tistax tirnexxi.

(iv) Illi l-ahhar argument tas-socjeta' rikorrenti bbazat fuq l-**artikolu 836 (8)** ma ghandu l-ebda effett ghall-procedura maghmula minnha a bazi tal-**artikolu 836 (1)** stante li l-prezenti procedura hija ghar-revoka ta' mandat, mentri ir-regoli minnha citata jirreferu ghall-azzjoni ta' danni u penali taht **l-artikolu 836 (8) u (9),** u dan apparti li din il-Qorti tikkondividi dak indikat mis-socjeta' intimata f'dan ir-rigward, ghalkemm mhux fit-termini ta' *"urgenza"* fil-kontest minnha imsemmi.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' intimata, tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti fir-rikors taghha tat-28 ta' Novembru 2000, stante li hija legalment u fattwalment infondata.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura a karigu tas-socjeta' rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**7 ta' Frar 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**7 ta' Frar 2001**